

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000057/2014

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Jan Mulder, Baroness Sarah Ludford, Sonia Alfano

f'isem il-Grupp ALDE

Suġġett: L-estensjoni tal-perjodu ta' detenzjoni għall-migranti fil-Greċja wara l-limitu ta' 18-il xahar bi ksur tad-Direttiva dwar ir-Ritorn

Fl-20 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Legali tal-Istat tal-Ġreċja ppubblika l-Opinjoni 44/2014 tiegħu, wara talba mid-dipartiment tal-pulizija fi ndan il-Ministeru għall-Protezzjoni taċ-Ċittadini. L-Opinjoni 44/2014 hija favur l-estensjoni tal-perjodu ta' detenzjoni tal-migranti għal żmien indefinit u sa meta dawn ikunu jistgħu jiġu deportati, dejjem jekk diġà tkun ittieħdet deċiżjoni dwar id-deportazzjoni iżda ma kienx possibbli li din tiġi implimentata. Din tistabbilixxi li l-awtoritajiet jistgħu jitolbu mill-ġdid lill-migrant biex dan jitlaq b'mod volontarju. Jekk, f'dak li għandu x'jaqsam mar-ritorn jew id-deportazzjoni, il-migrant jerġa' 'jonqos' milli jikkoopera, u jekk l-awtoritajiet iqisu li jeżisti 'riskju ta' ħarba', dawn jistgħu jagħtu ordni biex il-migrant jibqa' f'detenzjoni sakemm ikun possibbli li jiġi deportat.

Id-deċiżjoni tipproponi li ssir aberrazzjoni ġuridika, jiġifieri li l-migrant jinfeles, filwaqt li, madankollu, jingħata klawżola restrittiva li timponilu/ħa li jibqa'/tibqa' fil-perimetru taċ-ċentru ta' detenzjoni sakemm tkun tista' ssir id-deportazzjoni.

Din id-deċiżjoni saret f'mument kruċjali, jiġifieri meta kważi wasal fi tmiemu l-limitu massimu ta' żmien għad-detenzjoni legali ta' eluf ta' migranti arrestati u detenuti (bejn wieħed u ieħor 7 500 persuna) bħala parti mill-operazzjonijiet ġenerali li ilhom għaddejnin mill-ħarifa tal-2012 magħrufa bħala "Xenios Zeus", b'ħafna detenuti li huma persuni li ma jistgħux jintbagħtu lura f'pajjiżhom u li jinsabu miżmuma f'ċentri ta' detenzjoni.

Fid-dawl tal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn, li tipprevedi estensjoni massima ta' 12-il xahar (minbarra s-6 xhur oriġinali) f'każijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni, il-fatt li d-detenzjoni għandha tkun l-aħħar għażla u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-kawża C 357/09 Kadzoev) li tikkonferma l-obbligu tal-Istati Membri li l-perjodu ta' detenzjoni ma għandux jaqbeż it-18-il xahar:

1. Il-Kummissjoni taħseb li d-deċiżjoni msemmija hawn fuq tikkostitwixxi ksur tad-Direttiva dwar ir-Ritorn u, jekk iva, ser tibda proċedura ta' ksur kontra l-Greċja?
2. Fil-kuntest tal-komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn ippublikata reċentement mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni qed tikkunsidra tibda proċeduri ta' ksur kontra xi Stati Membri oħra?

Imressqa: 7.4.2014

Mgħoddija: 9.4.2014

L-iskadenza għat-tweġiba: 16.4.2014